KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 24/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

*L-Erbgħa 26 ta' Mejju 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' b'mod virtwali permezz tal-pjattaforma ZOOM nhar l-Erbgħa 26 ta' Mejju 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Kunsillier Camilleri talab li jkun skużat minħabba xogħol. Il-membri aċċettaw l-apoloġija bħala waħda ġustifikata.

2. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti nr. 23 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt nr. 7 il-Kunsillier Ivan Bartolo xtaq jagħmel dikjarazzjoni dwar il-pożizzjoni tiegħu b'rabta mal-monument għas-Sur Tony Bezzina fejn qal li huwa jiddispjaċih jekk weġġa xi sentimenti ta' xi ħadd u kompla li ma kellu l-ebda intenzjoni li jagħmel dan hekk kif huwa qatt ma kellu xejn kontra is-Sur Bezzina jew xi ħadd ieħor.

3. **Korrispondenza**

3.1. Korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali bi proposta sabiex membri eletti tal-Kunsill jissieħbu f'life policy fejn il-Kunsill iħallas l-ammont ta'€65 għal kull persuna eletta interessata u l-polza tagħti benefiċċju ta' €30,000 lill-familjari tal-eletti f'każ li huma jiġu nieqsa waqt li huma fil-kariga. Il-Membri qablu li juru l-interess tagħhom u qablu wkoll li ser ikunu qed jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv b'mod individwali dwar l-interess tagħhom.

3.2. Korrispondenza mingħand TCTC dwar korsijiet tas-sajf għat-tfal relatati mar-Robotica u ECDL. Il-Viċi Sindku staqsa kemm kienu dawk li pparteċipaw fl-ECDL li kien sar u s-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kien hemm dsatax-il persuna. Il-membri iddiskutew dawn l-offerti u qablu li l-Kunsill jorganizza il-kors għat-tfal tar-Robotica u jħallas l-ammont sħiħ ta' €2,800 sabiex ikopri wkoll il-ħlas tar-reġistrazzjoni tal-applikanti li tiswa €25. Il-membri qablu wkoll li dan l-ammont ta' €25 jingħata lura jekk l-applikant jattendi ammont raġonevoli mill-kors.

## 4. Ħaddiema

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-impjegat tal-RSSL li wasal biex jirtira bl-età tal-irtirar talab li l-kuntratt tiegħu mal-iskema li bih huwa allokat lill-Kunsill Lokali Paola jkun estiż b'sena. Il-membri approvaw.

4.2. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kif kien ukoll diskuss magħhom mis-Sindku fid-dawl tad-direttivi tas-Segretarji Eżekuttivi, tkompla l-proċess marbut mal-ingaġġ tal-Assistent Prinċipal bl-intervisti minn bord indipendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri ir-rapport tal-bord liema rapport u l-konklużjonijiet li huwa ppreżenta kien approvat b'mod unanimu mill-membri.

## 5. Offerti

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi kien hemm bosta offerti li waslu bies jiskadu u għalhekk kien hemm bżonn l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jibda ix-xogħol fuq dawn l-offerti. Għaldaqstant il-membri qablu li jinħarġu dawn l-offerti:

*5.1.1.* Ġbir Ta' *Bulky Refuse* b'baġit approssimattiv ta' €100,000 għal erba' snin.
*5.1.2.* *Ironmongery Supplies* b'baġit approssimattiv ta' €60,000 għal erba' snin.
*5.1.3.* Bankini, *patching* u xogħol infrastrutturali b'baġit approssimattiv ta' €250,000 għal erba' snin.
*5.1.4.* Manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* b'baġit approssimattiv ta' €320,000 għal erba' snin.

5.2. Il-Viċi Sindku staqsa jekk dan il-bord ikunx indipendenti. Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill kien qabel li dawn il-bordijiet dejjem ikunu indipendenti. Il-Kunsillier Axisa talab li l-Kunsill ikun infurmat min huma dawn il-persuni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsillier li l-Kunsill dejjem japprova dawn il-membri minn qabel. Il-Kunsillier Axisa żied ukoll li jista' wkoll ikun iffurmat *pool* ta' nies fosthom anke magħmul minn eks membri tal-kunsill sabiex iservu f'dan il-bord.

5.3. Flimkien mal-lista tal-offerti is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li b'referenza għall-valur tat-tender preżenti tal-accountant li wasal biex jiskadi huwa kien qed jirrimarka li l-Kunsill jista' jitlob għall-kwotazzjonijiet u jmexxi b'direct order għax l-valur ma jaqbiżx il-limiti tad-direct order. Il-membri approvaw.

5.4. Dwar it-tender tal-ġonna imsemmi aktar il-fuq is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan it-tender huwa meħtieġ fid-dawl tal-bosta żviluppi li saru fil-ġonna ta' Paola mill-gvern

ċentrali fid-dawl li l-manutenzjoni tagħhom ma tkunx tista' tiġi koperta bit-tenders preżenti. Infatti żied li dan it-tender ġdid ser jaħseb sabiex ikollu fih lista ta' servizzi bir-rati li jkunu jistgħu jiġu applikati għall-żviluppi li isiru fil-ġonna. Is-Sindku ikkonferma kemm din qed tkun problema fejn jekk per eżempju jiżdiedu l-pjanti trid tiżdied it-tisqija li tfisser iktar xogħol għall-istess prezz, bħal per eżempju dak li hemm fil-pjazza. B'referenza għal din il-problema is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li l-kuntrattur li kien qed jieħu ħsieb il-pjanti l-ġodda li saru fi Ġnien Dom Mintoff kien qed jitħallas mill-MTA sakemm dan jiġi b'mod sħiħ f'idejn il-Kunsill. Huwa kompla li jidher li l-MTA mhux lesta tkompli tħallas għal dan is-servizz u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur talab li jitħallas mill-Kunsill bil-massimu tad-direct order biex tal-anqas jagħti tlett xhur servizz sakemm it-tender imsemmi tal-ġodda jitlesta. Kompla li apparti minn hekk qed isir ukoll diskussjoni mal-kuntrattur tal-Kunsill sabiex huwa wkoll ikun jista' jaħdem fuq dan il-ġnien. Il-membri qablu li naraw x'jista' isir biex ix-xogħol li sar, tal-anqas jinżamm tajjeb.

5.5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-membri illi fid-dawl tal-iskadenzi tal-ftehim marbut mal-ġbir tal-iskart separat il-Kunsill huwa obbligat li jitlob l-offerti mill-iskemi li joperaw fis-settur. Il-membri approvaw dan. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi dan il-ftehim issa ikun ta' sena bil-possibbiltà li jiġġedded fid-dawl li huwa mistenni li mis-sena 2022 il-ġbir tal-iskart kollu isir b'mod reġjonali.

## 6. <u>Ġnien il-Mediterran</u>

6.1. Is-Sindku qal li ftit ġranet ilu kien tħabbar illi l-ġnien li jfakkar dawk li tilfu ħajjithom bil-Covid-19 kien ser isir fi Ġnien il-Mediterran u kompla li qed isiru bosta diskussjonijiet sabiex wieħed jara xi jkun hemm bżonn bħal servizz ta' dawn li jħaddem il-ġiebja, dripp irrigation etc. Is-Sindku kompla wkoll li qed isir ukoll diskussjonijiet mil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin mal-kuntrattur tal-Kunsill tal-ġonna sabiex ir-residenti li ser ikunu qed jaħdmu fil-ġnien ikunu trained.

6.2. Fuq Ġnien il-Mediterran il-Kunsillier Axisa staqsa lis-Sindku dwar l-interess li hemm mill-Ministeru tal-Intern dwar *Dog Park* li jixtiequ li isir fl-istess ġnien mir-residenti tal-faċilita korrettiva tal-Kordin. Is-Sindku qal li kien semma dan f'laqgħa preċedenti però żied li huwa għandu laqgħa dwar dan il-ħsieb u ser jitkellem mal-membri tal-Kunsill meta l-affarijiet ikunu konklużi.

## 7. Immaniġġar tat-traffiku

7.1. Is-Sindku qal li fil-leġislatura preċedenti l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Żabbar kien diskuss bosta drabi u żied li il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku b'mod speċjali fil-parti d-dejqa ta' Triq Żabbar għada preżenti b'mod speċjali meta jkun hemm vetturi kbar. Is-Sindku kompla li fid-diskussjonijiet tal-Pjazza il-Kunsill kien tiġa ssuġġerixxa li t-traffiku isir immaniġġjat aħjar fl-akwata, fejn Triq Żabbar tiġi wkoll *one-way* u b'hekk ikun hemm rotazzjoni tat-traffiku bejn Triq Bormla u Triq Żabbar. Is-Sindku ippropona li din it-talba terġa issir lill-Awtorità ta' Trasport u flimkien magħha jiżdiedu madwar 40-50 parkeġġ ġdid. Il-membri approvaw li titressaq it-talba.

7.2. Is-Sindku kompla li flimkien ma din it-talba jemmen li hemm bżonn issa tittieħed deċiżjoni dwar il-parkeġġ fi Triq San Ġorġ ikun organizzat hekk kif bil-parkeġġ kif inhu bħalissa mhux permissibbli li tgħaddi ambulanza jew *fire engine*. Is-Sindku qal li din it-talba tiġa tressqet lil Transport Malta però ma kienitx ingħatat risposta u ma jistax dan il-Kunsill ma jieħux deċiżjoni fejn hemm is-saħħa u s-sigurtà tan-nies. Il-membri iddiskutew dan u qablu li isir *reminder* lill-Awtorità u jekk ma tingħatax risposta il-Kunsill ikollu jieħu azzjoni hu.

## 8. Pjazza Antoine De Paule

8.1. Is-Sindku qal li fuq dan is-suġġett dan il-Kunsill ilhu għaddej jaħdem sabiex in-nuqqasijiet tal-pjazza jissewwew fejn rajna wkoll li jingiebu fuq il-mejda l-partijiet kollha biex forsi tinstab soluzzjoni u l-unika risposta li sa issa ingħatat mill-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta kienet li qed isiru studji dwar il-kwistjoni tat-triq li niżlet. Dan fl-isfond tal-problemi kollha l-oħra tal-pjazza. Fl-isfond ta' dawn il-kwistjonijiet kollha is-Sindku ippropona li tissejjaħ konferenza stampa konġunta mal-Kunsill Konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta sabiex kulħadd ikun infurmat bil-verità.

8.2. Għal din il-proposta il-membri iddiskutew xi tkun l-aħjar soluzzjoni għat-triq il quddiem u qablu li fi żmien ġimgħa isir laqgħa mal-Avukat li jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali bil-membri kollha tal-Kunsill preżenti sabiex ikunu esplorati il-possibiltajiet kollha li hemm sabiex jittieħdu l-passi legali neċessarji u jekk fost l-oħrajn ikun ssuġġerit li issir laqgħa bl-avukat mal-Kunsill Konsultattiv din issir ukoll malajr kemm jista' jkun. Il-membri qablu wkoll li jekk frott dawn il-laqgħat ma jkunx hemm konklużjonijiet u progress mill-Kunsill Konsultattiv, issir ukoll konferenza stampa li umbagħad tinforma lill-pubbliku ġenerali b'dawn in-nuqqasijiet u jittieħdu wkoll il-passi legali kollha neċessarji.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lill-membri illi r-resident tal-faċilita korrettiva ta' Kordin li kien jaħdem fil-pjazza issa qed jaħdem fi Ġnien Dom Mintoff kif ukoll qal li qed jitkompla ix-xogħol mal-MTA fuq bins ġodda. Kompla li talab aktar koperazzjoni minn dawk li jattendu fil-ġnien u jħallu l-klieb tagħhom jiġru bla ċinga fid-dawl li dawn qed iħammġu fil-ħamrija u fit-turf.

9.2. Is-Sindku qal ukoll li fl-laqgħa li sargħet mal-Kunsillier Camilleri u d-Direttorat tat-Tindif dawn qed joffru li jkomplu jassistu lill-Kunsill u għaldaqstant is-Sindku qal li sargħet talba sabiex titnaddaf aktar il-pjazza, l-istages, id-daħla taċ-ċentru ċiviku u l-bus shelters. Id-direttorat għat-tindif pubbliku offrew ukoll ammont ta' bins lill-Kunsill. Is-Sindku qal li dan il-ftehim ser ikun konfermat b'MOU u għaldaqstant irringrazzja lid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat tat-Tindif Pubbliku u lill-Onorevoli Deo Debattista responsabbli mill-istess entita.

9.3. Is-Sindku informa lill-membri illi wara t-talba li ilha issir snin mill-Kunsill, ġie infurmat li fix-xhur li ġejjin ser jibda ix-xogħol fuq il-balavostri u z-zuntier tal-Knisja ta' St. Antnin fejn ser issir ukoll rampa in-naħa tal-Mcast.

9.4. Is-Sindku informa lill-membri li ġie infurmat li x-xogħol fuq Casa Flamini ser jitkompla u għaldaqstant fil-ġranet li ġejjin l-aċċess għal Triq il-Foss ser jerġa jinfetaħ. Is-Sindku xtaq jinforma lill-membri illi minn ritratti li huwa ra, kien hemm periklu tassew kbir u kien għalhekk li t-triq ingħalqet. Kompla li l-ħajt tal-ġnien issa irid jinħatt u jerġa jinbena mill-ġdid min-naħa ta' ġewwa.

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Viċi Sindku staqsa dwar min hi ir-responsabiltà tat-triq tal-garaxxijiet u l-ħwienet ta' taħt l-appartamenti tal-*housing* tas-suq. Is-Sindku kkonferma li hija r-responsabiltà tal-Awtorità tad-djar.

10.2. Il-Viċi Sindku staqsa wkoll dwar l-użu tal-vettura *leased* għas-Sindku fejn staqsa dwar il-ħtieġa ta' din l-ispiża f'dan iż-żmien ta' pandemija hekk kif hemm pagament ta' €2700 fl-iskeda ta' pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-pagament ikopri sitt xhur u d-deċiżjoni dwar dan kienet sargħet mill-Kunsill innifsu. Il-Viċi Sindku staqsa jekk minflok din il-karozza is-Sindku jistax juża il-van tal-Kunsill għax din id-deċiżjoni kienet ittieħdet qabel il-pandemija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-van

ikun qed jintuża mill-ħaddiema għax-xogħol fuq barra u s-Sindku qal li huwa l-ħin kollu għaddej bil-laqgħat u jekk isir xi inċident fuq il-vettura personali li tkun qed tintuża għax-xogħol tal-Kunsill huwa ma jkunx kopert u kien fuq dan il-ħsieb li ingħata l-parir mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex il-Kunsill ikollu vettura leased. Il-Viċi Sindku qal li dawn huma ħela ta' flus u jistgħu jintużaw mill-Kunsill b'mod aħjar u anke tenna li din id-deċiżjoni mhux imniżżla fil-minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li dan mhux minnu hekk kif din id-deċiżjoni hija mminitjata. Il-Kunsillier Axisa ssuġġerixxa wkoll li ssir branded u jista' wkoll jintuża *log book*.

10.3. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi wkoll kif tqassmu il-figolli mill-Kunsill u kif inxtraw. Is-Sindku qal li fid-dawl li ċ-ċentru tal-anzjanità attiva tal-Kunsill ma kienx qed jiltaqa' huwa kellu ħsieb li minflok titqassam figolla lill-membri għal żmien l-Għid, liema deċiżjoni kienet approvata mill-membri tal-Kunsill. Dwar ix-xiri tal-figolli, is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn jinxtraw billi jinġabru l-kwotazzjonijiet u l-irħas offerta tkun approvata.

*Fid-dawl li l-laqgħa tal-Kunsill kienet qed taqbeż it-tlett siegħat il-membri approvaw b'mod unanimu li l-laqgħa tibqa għaddejja.*

10.4. Il-Kunsillier Arqueros qalgħet li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħadmet fuq l-applikazzjonijiet għall-skemi tal-attività kulturali u tal-belt kulturali. Il-Kunsilliera Arqueros qalgħet li tkun xi ħaġa sabiħa jekk isiru wkoll tabelli għall-attenzjoni tas-sewwieqa f'akwati fejn hemm kolonji tal-qtates.

10.5. Il-Kunsillier Bartolo xtaq jaqsam mal-membri il-problemi li qed jiġu ikkaġunati mill-ħmieġ tal-ħamiem kif ukoll bil-ħtieġa ta' patching f'numru ta' toroq. Dwar il-ħamiem is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jiċċekkja mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-progress fl-skema li ser issir sabiex tikkontrolla din il-problema.

10.6. Il-Kunsillier Delezio fakkret lill-membri dwar il-festa ta' St. Ubaldeska u talbet li tingħata aktar attenzjoni lill-istess Pjazza St. Ubaldeska f'dawn il-ġranet. Il-Kunsilliera Delezio staqsiet dwar il-possibbiltà li isiru ftit bankijiet fi ġnien il-Mediterran. Is-Sindku kompla li l-bankijiet inklużi fl-pjan ħolistiku tal-ġnien.

## 11. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 24 għas-somma ta' €72,486.44.

KUNSILL LOKALI PAOLA

**12. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fid-8:45pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021.

**IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Dominic Grima
Sindku